# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 28 ta' Settembru tas-sena 2001.**

**Numru 33**

**Avviz numru 1670/00/SM**

**GasanMamo Insurance Agency Limited bhala agent u mandatarja tas-socjeta' estera CGU Insurance plc ta' Perth, Scotland u din kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha C.B. Motors Ltd u Gasan Enterprises Ltd skond il-ligi u skond il-polza ta' assigurazzjoni (Claim A 201300/600).**

**vs**

**The Cargo Handling Company Limited.**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat il-11 ta' Dicembru tas-sena 2000 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lis-socjeta'**

**konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m'ghandiex tkun ikkundannata:**

1. **Thallas s-somma ta' LM737 rappresentanti hsarat u nuqqasijiet minn konsenja ta' karozza Volvo u zewg karozzi Jaguar li waslu Malta fl-10 ta' Dicembru 1999 abbord il-vapur Malta Express, ghall-liema hsarat u nuqqasijiet l-konvenuti huma responsabbli;**

2. **Bl-ispejjez u bl-interessi mid-data tal-presentata tal-avviz kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata l-15 ta' Jannar tas-sena 2000 li permezz taghha s-socjeta' konvenuta eccepiet is-segwenti:**

1. **Preliminarjament illi t-talbiet attrici huma preskritti a tenur ta' l-artikolu 65 tal-Kap 352 tal-Ligijiet ta' Malta;**

2. **Illi jinkombi fuq is-socjeta' attrici li tipprova illi l-allegati danni u nuqqasijiet sehhew waqt li l-vetturi de quo kienu taht il-kontroll effettiv u supervizjoni assoluta tas-socjeta' eccipjenti u li l-istess vetturi gew konsenjati lilha minghajr l-istess danni u nuqqasijiet;**

3. **Illi, minghajr pegudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi s-socjeta' eccipjenti mhix responsabbli ghall-allegati danni u nuqqasijiet lamentati izda dejjem qdiet l-obbligi taghha skond il-ligi;**

4. **Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socejta' eccipjenti dejjem agixxiet bhala bonus paterfamilias fil-konfront tal-merkanzija fdata lilha u ghalhekk ukoll mhix responsabbli ghall-allegati danni u nuqqasijiet lamentati;**

5. **Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont pretiz huwa eccessiv u ghalhekk huwa kontestat;**

6. **Salv eccezzjonijiet ohra;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Ikkonsidarat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu elenkati bil-mod segwenti:**

1. **Illi s-socjeta' Gasan Enterprises Limited importat vettura tal-marka Volvo u zewg vetturi tal-marka Jaguar permezz tal-vapur Malta Express li wasslu u thattew f'Malta fl-10 ta' Dicembru ta' l-1999;**

2. **Illi fil-"bill of lading" relattiv ma gie riskontrat l-ebda danni fuq l-imsemmija vetturi, (ara fol 10);**

3. **Illi fil-"gate pass out" datat is-16 ta' Dicembru ta' l-1999 hemm indikati d-danni fuq il-vetturi kkoncernati liema danni gew imhallsa mis-socjeta' attrici wara appozitu "survey u konsegwentement l-istess socjeta' giet debitament surrogata fid-drittijiet tas-socjeta' importatrici skond il-ligi, (ara fol 16 u 23);**

4. **Illi komplessivament id-danni subiti mis-socjeta' attrici in konsegwenza ta' l-istess jammonta ghal dak indikat fl-avviz odjern;**

5. **Illi jirrizulta assodat li meta l-vetturi de quo soffrew id-danni in dizamina l-istess vetturi kienu taht il-kustodja tas-socejta' konvenuta, (ara fol 30);**

**Ikkonsidrat:**

**Illi qed issir referenza specifika ghall-ewwel eccezzjoni sollevata mis-socjeta' konvenuta li din il-qorti qed tichad stante li s-socjeta' attrici nomine imxiet skond il-ligi;**

**Illi fil-mertu din il-qorti filwaqt li tilqa' t-talbiet attrici stante li pprovati tiddikjara lis-socjeta' konvenuta responsabbli ghad-danni sofferti mis-socjeta' attrici kif spjegat; tillikwida d-danni komplessivi fl-ammont ta' seba' mija u seba' u tletin Lira Maltin,**

**(LM737.00,0) kif mitlub fl-avviz odjern, u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta The Cargo Handling Company Limited thallas dan l-ammont hekk likwidat, bl-ispejjez u imghaxijiet kollha skond il-ligi.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**